MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**VALENZIA GEOFFREY**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1380/2000/1

**Carmelo sive Charles Zammit**

**vs**

**Panta Lesco International Limited.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur kien jahdem mas-socjeta' konvenuta u kellu salarju ta' circa erbat  elef u mitejn lira Maltin (Lm4,200) fis-sena hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

U premess illi ghalkemm l-attur kellu dan is-salarju, is-socjeta' konvenuta kienet, ai fini tal-hlas tal-bolol, tiddikjara mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali illi l-attur kellu salarju ta' tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm28) fil-gimgha hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

U premess illi l-attur illum wasal f'eta' penzjonabbli;

U premess illi l-attur qed isofri pregudizzju konsiderevoli u kontinwu minhabba l-fatt li l-penzjoni tieghu qed tigi kkalkolata fuq ammont ferm anqas u dana unikament minhabba l-agir tas-socjeta' konvenuta hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. C;

U premess illi ghalkemm s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-hlas ta' danni subiti mill-attur, din baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara s-socjeta' konvenuta bl-agir taghha hawn fuq spjegat din ikkagunat danni lill-attur;

2. Tillikwida d-danni subiti mill-attur minhabba l-agir tas-socjeta' konvenuta; u

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici ta' Malta (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi sussegwentament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll

fid-dritt, stanti li l-attur kien iffirma kuntratt ta’ impieg definitiv, li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok. X fejn accetta permezz ta’ klawsola numru ghaxra (10) li ghall-fini tal-hlas ta’ bolla, din tkun komputata fuq salarju ta’ tmienja u ghoxrin (Lm28) liri Maltin fil-gimgha – dan kif ikun spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi ghalhekk ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti hija regolata permezz tal-kuntratt Dok. X hawn fuq imsemmi, debitament iffirmat minnhom, il-kondizzjonijiet ta’ liema gew rispettati mis-socjeta’ konvenuta.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a fol. 25;

Rat in-nota ta’ cessjoni tas-sorte a fol. 38;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-attur ceda l-mertu tal-kawza (fol. 38), wara x-xhieda ta’ A. Attard (fol. 31) u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez. Il-partijiet talbu sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Mix-xhieda ta’ Attard jirrizulta li d-differenza fis-salarju f’dan il-kaz ma kienitx taffettwa kemm ser jircievi penzjoni l-attur billi hu kien intitolat ghall-istess.

L-attur qed jissottometti li hu sofra danni billi ghalkemm hu kellu salarju ta’ Lm4,200 fis-sena, is-socjeta’ konvenuta kienet, ai fini tal-hlas tal-bolol, tiddikjara mad-Dipartiment

tas-Sigurta' Socjali illi l-attur kellu salarju ta' Lm28 fil-gimgha.

Illi mid-dok X ezibit a fol. 14 jirrizulta li l-attur kien iffirma l-kuntratt ta' impieg tieghu fejn fil-klawsola 10 hemm indikat li ghall-fini tal-hlas ta' bolla kellu jkun komputat fuq salarju ta' tmienja u ghoxrin (Lm28) liri Maltin fil-gimgha.

Illi l-attur kien iffirma fuq kull pagna ta' dana l-kuntratt, pero' issa qed jghid li ftit li xejn jaf jaqra u jikteb bl-Ingliz (fol. 21) jew li ma jaf jaqra xejn (fol 41). Il-konvenuti pprezentaw dokumenti (ara fol. 47, 49, 50 u 52) fejn l-attur kien iffirma dokumenti in konnessjoni max-xoghol tieghu li hu ma kkontestax li kien iffirma u kien jaf is-sinifikat taghhom. Ipprezentaw ukoll C.V tieghu (ara fol. 48) fejn jirrizulta li l-attur kellu sitt snin *Primary School Education*, hames snin *Secondary School Education* u kien ottjena *School Leaving Certificate*. Kien gab ukoll *Engine Room Watch Rating Certificate*, xoghol li jirrikjedi konoxxjenza ta' l-Ingliz.

Inoltre mill *pay slips* li l-attur kien jircievi hu kellhu jinduna li ma kienx qed ihallas fuq salarju ta' Lm78 fil-gimgha imma anqas.

L-attur kellu f'idejh *definite contract*, u mhux *indefinite contract*, u dan kien fih dettaljatament il-kondizzjonijiet ta' l-impieg tieghu.

Il-Qorti, in vista ta' dana kollu, tasal ghall-konkluzzjoni li meta l-attur iffirma l-kuntratt ta' impieg, kien jaf x'qed jiffirma, u kien fl-interess tieghu li jkun jaf, jew messu kien jaf, dak li qed jiffirma. Anke kieku stess l-attur ma kienx jaf jaqra kien fl-interess tieghu li jara li jifhem x'qed jiffirma jew igib lill min jispjegalu ghal x'hiex diehel u mhux jiffirma fl-ghama. Il-konvenuti xehdu li huma jispjegaw lill-haddiema l-kondizzjonijiet tax-xoghol taghhom. Dak li jorbot bejn il-partijiet hu dak li hu miktub u mhux xi ftehim iehor verbali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
li wara li rat ic-cessjoni tal-mertu
tikkundanna lill attur l-ispejjez tal-kawza.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**